MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1477/2002/1

***Dingli Co. International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra***

***vs***

***Dolceria Italiana Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Gunju, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' wiehed u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46c), rappresentanti kwantu ghal erba' u erbghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm44.75c), *Royalty* u sitt liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (Lm6.71c), Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq l-istess *Royalty* dovut bil-quddiem

in konnessjoni mal-licenzja nru.011288 esibit ma' l-avviz bhala Dokument "A", rilaxxjata mis-socjeta' attrici a favur tas-socjeta' konvenuta rigwardanti l-istabbiliment *Cappa Due Restaurant*, St.Paul's Bay, ghall-perijodu mis-6 ta' Jannar 2002 sal-5 ta' Jannar 2003.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Marzu 2002 u bl-imghaxijiet kummercjali mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Angela Sciberras ghan-nom tas-socjeta' attrici nomine , li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tad-dokument esibit.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici nomine s-somma ta' wiehed u hamsin lira Maltin u sitta u erbghin centezmu (Lm51.46c), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Marzu 2002 ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**